MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 1626/2014/2

**Albert Muscat (ID 435379(M)) u Elaine Pace (ID 480878(M))**

**vs**

**Maltco Lotteries Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Elaine Pace datat 5 ta' Dicembru 2014 fejn esponiet: -

Illi permezz ta' sentenza datata 11 ta Novembru 2014, dina l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti u ordnat il-hrug ta' mandat definittiv ta' Inibizzjoni kif mitlub fis-sens illi ordnat lis-socjeta' ntimata sabiex ma tissoktax bit-theddida komunikata bil-miktub sabiex fil-konfront ta' Elaine Pace jitterminawlha s-servizz tal-"online connection" tal-apparat taghha mas-sistema centrali tal-istess socjeta' ntimata;

Illi *nonostante* tali ordni li giet debitament notifikata lill-istess socjeta` ntimata, din ta' l-ahhar minn jedda u b'mod illegali u abbuziv qabdet u tterminat l-precitata l' "on line connection" minn mas-sistema taghha bil-konsegwenza li r-rikorrenti ma tistax tkompli topera n-negozju taghha;

Illi dan l-agir abbuziv u illegali gie esegwit minghajr ma nghata ebda pre-avviz lill-istess rikorrenti;

Illi dan il-fatt jammonta ghal xejn aktar minn disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti *stante* li b'tali agir, is-socjeta` ntimata marret kontra u vvjolat l-ordni espressa u cara moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti;

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-raguni premessa:-

1. Tordna li jittiehdu l-proceduri opportuni ta' disprezz lejn l-Awtorita` taghha kontra s-socjeta` ntimata.

2. Tordna lis-socjeta` ntimata sabiex b'effett immedjat u pendenti l-proceduri ta' disprezz terga' tikkonnettja l-apparat tar-rikorrenti mas-sistema centrali.

3. Tordna li kull procedura necessarja ghandha tinstema u tigi deciza b'urgenza.

4. Taghti kull ordni iehor opportun li jkun jidhrilha xierqa f'dawn ic-cirkostanzi.

Rat li din ir-rikors gie appuntat ghas-seduta tal-11 ta' Dicembru 2014 fl-10:30am.

Rat ir-risposta ta' Maltco Lotteries Limited datata 11 ta' Dicembru 2014 (fol.7 ) fejn esponiet illi : -

Is-soċjeta` esponenti ġiet notifikata bl-avviż tas-smigħ għal seduta fil-11 ta' Diċembru 2014 il-bieraħ mingħajr pero` ma kellha wkoll a disposizzjoni tagħha r-rikors tal-5 ta' Diċembru 2014.

*Nonostante* dan, is-soċjeta' esponenti prokurat kopja nformali ta' dan ir-rikors u qed tissottometti r-risposta tagħha *entro* t-terminu stipulat fid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti.

Bir-rispett jingħad li t-talbiet kif esposti fir-rikors tal-5 ta' Diċembru 2014 għandhom jiġu miċħuda u dan għal żewġ raġunijiet prinċipali kif ser jiġi spjegat:

(i) Il-mandat in kwistjoni m'għadux iktar fis-seħħ u dan hekk kif ma ġewx ippreżentati l-proċeduri appożiti fl-20 jum preskritt mil-liġi;

(ii) Il-mandat ta' inibizzjoni ma kienx iżomm lis-soċjeta` esponenti milli tittermina l-ftehim ta' aġenzija. Il-mandat ta' inibizzjoni kien iżomm lis-soċjeta` esponenti milli tissokkta bit-theddida tagħha li jiġi terminat is-servizz ta' l-*online connection* skont Dokument "A" li kien ġie anness mar-rikors promotur. Dokument "A" kien jintima lil Elaine Pace sabiex tikkonforma ruħha mal-*minimum stock quantities required* għaliex fin-nuqqas kien ser jiġi sospiż it-terminal tagħha. Dak li kienet ġiet miżmuma milli tagħmel is-soċjeta` esponenti - u dak li fil-fatt ġara -m'għandhom x'jaqsmu assolutament xejn il-waħda ma' l-oħra.

Kull waħda minn dawn ir-raġunijiet ser tiġi spjegata.

Fl-ewwel lok, skont l-art. 742(4) u (5) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-persuna li tkun parti minn ftehim ta' arbitraġġ u li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju għandha tressaq it-talba quddiem l-arbitru fi żmien għoxrin jum mid-data tal-ħruġ tal-att kawtelatorju. Fin-nuqqas ta' dan, l-att kawtelatorju għandu jitneħħa u dan *stante* li l-mandat kawtelatorju ma jkunx għadu iktar fis-seħħ.

Kif inhu preċiżament il-mertu ta' rikors li ppreżentat is-soċjeta` esponenti fid-9 ta' Diċembru 2014, dan il-mandat ta' inibizzjoni għandu jitqies li m'għadux fis-seħħ hekk kif appena sa l-1 ta' Diċembru 2014, il-proċeduri fl-arbitraġġ kienu għadhom ma nbdewx. Jingħad bir-rispett illi b'analoġija ma' l-artikolu 836(3) tal-Kap. 12, tant huma tassattivi dawn ix-xorta ta' disposizzjonijiet fil-Kodiċi tal-Proċedura li fil-kuntest ta' sitwazzjoni fejn mandat kawtelatorju ma jibqax fis-seħħ għaliex ma jkunux ġew intavolati

l-proċeduri appożiti, il-Qorti tiddeċiedi anke in *absentia* ta' l-intimat wara li sempliċement tivverifika l-atti u tikkalkula jekk it-termini ġewx rispettati. Fil-fatt, dan is-sub-inċiż (3) jistipula illi "*Ir-rikors, **ħlief għal xi rikors skont is-subartikolu (1)(a)**, għandu jiġi notifikat lill-parti l-oħra....".* Dan ifisser li meta l-kwistjoni in kontestazzjoni hija dwar jekk il-mandat ta' inibizzjoni għadux fis-seħħ jew le, il-Qorti tista' lanqas tinnotifika t-talba għar-revoka u lanqas tistieden sottomissjonijiet da parti ta' l-intimat għaliex l-atti u d-dati huma faċilment verifikabbli. *Di piu'* l-kwistjoni ta' l-20 jum hija kwistjoni ta' ordni pubbliku li għandha tiġi rispettata u fin-nuqqas il-mandat għandu jitqies li m'għadux iktar fis-seħħ u għandu jitneħħa.

Bħala fatt, kif jirriżulta mir-rikors fl-atti ta' dan l-istess mandat li ġie ppreżentat, is-soċjeta` esponenti ġiet notifikata bin-*Notice of Arbitration* pero` rriżulta li din in-*notice of arbitration* iġġib id-data tat-2 ta' Diċembru 2014 bħala d-data tal-preżentata tagħha. Is-soċjeta` intimata rċeviet l-atti in kwistjoni jumejn wara, fl-4 ta' Diċembru 2014. Dan ifisser li l-proċeduri fil-mertu ġew preżentati fil-21 jum u mhux fl-20 jum wara li ntlaqa l-mandat ta' inibizzjoni u kwindi jsegwi li l-mandat ta' inibizzjoni - wara l-1 ta' Diċembru 2014 - ma kienx għadu aktar fis-seħħ.

Bir-rispett jingħad li fil-kuntest tat-talba illi qed issir u tad-dati kif ser jiġu kronoloġikament esposti f'din ir-risposta, id-data meta l-mandat ta' inibizzjoni ma kienx għadu fis-seħħ hija rilevanti mmens.

Is-soċjeta` esponenti ser tgħaddi issa għat-tieni punt u cioe`, dak illi l-kwistjoni tat-terminazzjoni tal-ftehim ta' l-aġenzija minn ma' Elaine Pace seħħet għal raġunijiet li huma ben diversi minn dawk li għalihom kien ġie ntavolat il-mandat ta' inibizzjoni. Dan qed jingħad mingħajr preġudizzju għas-suespost.

It-talba fil-mandat ta' inibizzjoni kienet sabiex din l-Onorabbli Qorti żżomm lis-soċjeta` esponenti milli tissospendi s-servizz ta' l-*online connection* lil Elaine Pace u dan b'riferenza għal dak li kien Dokument "A" anness mar-rikors promotur. Dokument "A" anness mar-rikors promotur kien twissija maħruġa mis-soċjeta` esponenti dwar l-istokk minimu ta' *tickets* li l-aġenti huma obbligati li jżommu skont il-ftehim. Din kienet it-talba, dan kien il-punt li ġie trattat u l-issokktar ta' din l-intimazzjoni kienet iż-żamma li ordnat din l-Onorabbli Qorti fil-11 ta' Novembru 2014.

Is-soċjeta` esponenti ma kisritx din l-ordni u ser tispjega għaliex.

Kuntrarjament għal dak li tgħid Elaine Pace fir-rikors tagħha tal-5 ta' Diċembru 2014, is-soċjeta` esponenti ma qabbditx minn jeddha u b'mod illegali u abbużiv itterminat l-aġenzija. Fl-ewwel lok, fit-2 ta' Diċembru 2014 (meta l-mandat lanqas kien għadu fis-seħħ skont kif fuq spjegat), Elaine Pace ġiet imwissija li l-ftehim ta' aġenzija tagħha kien ser jiġi terminat u dan abbażi ta' ksur kompletament differenti tal-ftehim ta' aġenzija u cioe` l-ksur dwar il-*minimum sales targets* li bħala aġent hi kellha tikkonforma magħhom. Dan sar mhux biss permezz ta' ittra ta' l-avukat (*vide* dokument "**ML1**") iżda wkoll direttament lil Elaine Pace da parti tas-soċjeta` esponenti (*vide* dokument "**ML2**").

Elaine Pace mhux talli ġiet taqa' u tqum minn dan l-obbligu talli saħansitra wara li l-mandat ġie milqugħ hi lanqas biss fetħet il-banka tal-lottu tagħha u żammitha għal kollox magħluqha. Dan evidentement għaliex Elaine Pace għandha ntrojtu ieħor u l-introjtu prinċipali tagħha mhuwiex bħala aġent tas-soċjeta` esponenti u mhuwiex minnu

assolutament dak li allegat fil-kuntest tal-mandat ta' inibizzjoni li l-banka tal-lottu hija l-għixien tagħha. Kieku kien hekk rat kif għamlet biex dakinhar li ġie milqugħ il-mandat tiftaħ mill-aktar fis sabiex tbiegħ u ssostni l-allegat għixien tagħha. Minn dan pero m'għamlet xejn u dehrilha li għandha saħanistra żżomm il-banka tal-lottu magħluqa.

Fi kwalunkwe każ, jingħad li t-terminazzjoni ta' l-aġenzija saret permezz ta' twissijiet formali li ntbagħtu u dan mhux hekk kif ġieb u laħaq u mingħajr pre-avviż kif jingħad fir-rikors odjern iżda wara li Elaine Pace kienet ilha tiġi mwissija dwar l-inadempjenza tagħha li tilħaq il-*minimum sales targets* sa mis-snin ta' qabel. Minkejja dan hi sempliċement kienet tiġi taqa' u tqum dwar dan. (ara twissijiet li ntbagħtu hawn annessi u mmarkati Dokument "**ML3**").

Hija għal din ir-raġuni li jingħad li t-terminazzjoni ta' l-aġenzija saret skont il-ftehim ta' aġenzija u iktar minn hekk b'ebda disprezz lejn l-awtorita` ta' din l-Onorabbli Qorti għaliex (i) minbarra l-fatt li l-mandat ta' inibizzjoni lanqas biss kien għadu iktar fis-seħħ, (ii) it-terminazzjoni seħħet għal raġunijiet u inadempjenzi oħra da parti ta' din l-aġenta liema raġunijiet ma kienux assolutament jinkwadraw fil-mandat ta' inibizzjoni *de quo*. Dan kif jirriżulta mit-twissijiet annessi li r-rikorrenti lanqas biss indenjat ruħha almenu – għal finijiet ta' kompletezza – iżda iktar minn hekk ta' korrettezza – tressaq quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Fiċ-ċirkostanzi u wkoll *in vista* tal-fatt li l-proċeduri ta' disprezz huma ta' *indole* kriminali, l-akkuża ta' disprezz jeħtieġ li tiġi ppruvata mir-rikorrenti li qed tagħmilha u jeħtieġ li tiġi ppruvata mingħajr ebda dubju. Minn dak li s'issa ntqal, jingħad bir-rispett li m'għandux jirriżulta li hemm lok li dawn il-proċeduri jinbdew.

Għal dawn ir-raġunijiet hija l-fehma umli tas-soċjeta` esponenti li t-talbiet fir-rikors tal-5 ta’ Diċembru 2014 għandhom jiġu miċħuda.

Bl-ispejjeż.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Dicembru 2014 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr Raphael Fenech Adami ghar-rikorrenti Elaine Pace prezenti. Dehret Dr Marisa Vella ghas-socjeta` intimata u Dr Matthew Galea Debono bhala rapprezentant tal-istess. Dr. Vella pprezentat risposta ghas-socjeta` intimata 'seduta stante' u kopja tal-istess giet mghoddija lid-difensur tar-rikorrenti. Il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1626/2014. Rifferibbilment ghall-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` intimata saret referenza ghar-rikors tal-istess socjeta` pprezentat fid-9 ta' Dicembru 2014. Il-partijiet qablu li l-provi fir-rikors odjern ghandhom jghoddu ghar-rikors tad-9 ta' Dicembru 2014 u 'vice versa'. Xehdet bil-gurament taghha Elaine Pace, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Xehed bil-gurament tieghu Dr Matthew Galea Debono, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet. Ir-rikors qed jigi differit ghal digriet ghas-16 ta' Dicembru 2014 fid-9:30a.m.

Rat il-verbal tas-16 ta’ Dicembru fejn b’ordni tal-Qorti, billi l-partijiet qablu li l-provi li jingabru fl-atti tar-rikors fl-istess ismijiet ipprezentat mis-socjeta' Maltco Lotteries Limited tad-9 ta' Dicembru 2014, u billi r-risposta tar-rikorrenti odjerna Elaine Pace kienet ghadha ma gietx ipprezentata filwaqt li t-terminu kien ghadu ghaddej, dan ir-rikors gie differit ghal nhar it-8 ta' Jannar 2015 fid-9.30 a.m. ghad-digriet

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi f’dan ir-rikors r-rikorrenti qed issotni illi s-socjeta` intimata abbuzivament u illegalment itterminat l-'*online connection'* tal-apparat taghha mas-sistema centrali u dan *nonostante* l-ordni definittiva ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-istess socjeta' intimata biex ma titterminax din il-konnessjoni.

Is-socjeta' intimata tirrespingi din it-talba *stante* li a) l-Mandat in mertu m'ghadux aktar fis-sehh; u b) minghajr pregiudizzju t-terminazzjoni seħħet għal raġunijiet u inadempjenzi oħra da parti ta’ din l-aġenta liema raġunijiet ma kienux assolutament jinkwadraw fil-mandat ta’ inibizzjoni *de quo*.

Bhala fatt jirrizulta li t-terminazzjoni tal-*online connection* sehh wara l-ewwel (1) ta' Dicembru 2014, u cioe`, wara l-iskadenza ta' ghoxrin (20) gurnata mid-data tal-hrug tal-Mandat. Jirrizulta wkoll mid-dokumenti esebiti li r-raguni moghtija mis-socjeta' intimata ghat-terminazzjoni kienet in-nuqqas tar-rikorrenti li tilhaq il-*minimum sales targets* stabbiliti fil-Ftehim vigenti bejn il-partijiet, senjatament fl-artikolu 16(b) tal-istess. Dan il-Ftehim hu esebit fl-atti tal-Mandat li huma allegati mal-atti odjerni. Dan hu differenti mir-raguni ghas-sospensjoni tas-servizz li kien il-mertu tal-mandat premess.

**Ikkonsidrat** li bil-mandat premess, is-socjeta' intimata giet inibita milli "*tissokta bit-theddida komunikata bil-miktub li fil-konfront ta’ Elaine Pace*

*jitterminawlha s-servizz tal-“online connection” tal-apparat taghha mas-sistema centrali tal-socjeta' intimata (Dok “A”).*" L-inadempjenza lanjata mis-socjeta` intimata li wasslet ghall-proceduri mehuda kontra Elaine Pace kien jiccentra fuq ksur allegat ta' wiehed mill-obbligazzjonijet tar-rikorrenti u cioe`, l-obbligu li jzommu fil-banka ammont minimu ta' *scatcher tickets* (klaws. 3(e)).

Din il-Qorti, kif attwalment presjeduta, akkoljiet it-talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni wara li kkonsidrat li hemm kwistjoni ta' interpretazzjoni tal-obbligazzjonijiet u drittijiet assunti mill-kontraenti kif ukoll dwar l-allegat arbitrarjeta' fl-agir tal-socjeta' (Maltco Lotteries Ltd) fl-applikazzjoni tal-kuntratt billi tippretendi li tiddeciedi unilateralment x'jikkonsisti fi ksur tal-kuntratt u ttemm l-istess ftehim. Dan anke b'apprezzament ta' dak deciz minn din il-Qorti kif diversament presjeduta meta akkoljiet it-talba gall-hrug tal-Mandat numru 1824/13 SM : "*Il-vertenza hekk rilevata ghalhekk tinvolvi analizi dettaljat tal-artikoli riferiti mill-istess kontendenti qabel ma tkun tista' tigi b'xi mod rizolta- kemm jista' jkun fl-istess interess tal-kontendenti."*

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' Dritt.</u>**

It-talba odjerna hija mibnija fuq zewg talbiet distinti, regolati bl-artikolu **873(4) tal-Kap.12** u bid-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 988 sa 1003A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.** Dwar il-principji li jirregolaw istitut dwar disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti qed issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **“Registratur tal-Qorti Superjuri vs Dolores sive Didi Busietta”** deciza minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fit-18 ta’ Ottubru 2000 (Citaz. Numru. 1914/98/RCP).

**L-artikolu 873 (4) tal-Kap. 12** li jipprovdi:-

*"Illi jekk jigi ppruvat permezz ta' rikors ghas-sodisfazzjoni tal-qorti li wara l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni l-persuna inibita issoktat fix-xoghol jew hatt bi ksur ta' l-ordni tal-qorti, il-qorti ghandha, minghajr pregudizzju ghal kull azzjoni lilha kompetenti, fuq talba tar-rikorrent, tikkundanna lill-persuna li kontriha jkun inhareg il-mandat sabiex tirrimedja dak li ntghamel bi ksur tieghu u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrenti li jaghmel dawk ix-xoghlijiet kollha rimedjali li l-qorti tista' tordnalu jaghmel bi spejjez tal-persuna inibita".* Hu car li l-istess ligi qed tipproponi rimedju meta l-persuna li giet ordnata sabiex tiddezisti milli tkompli taghmel ix-xoghol mertu tal-istess mandat ta' inibizzjoni tkompli bl-istess xoghlijiet, pendenti l-ezitu tal-proceduri fuq il-mertu inizjati mill-parti l-ohra. Kull ma jrid il-legislatur hu li tali xoghol jew agir jbiddel is-sitwazzjoni kif kienet qieghda fil-mument tal-hrug u n-notifika tal-mandat. Din id-disposizzjoni ggib ir-reintegrazzjoni fl-istat li kien javvera ruhu fil-mument tal-hrug tal-istess mandat kawtelatorju.

Illi bhala principju jinghad li dan huwa ben differenti mill-kuncett ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti, tant li fis-sentenza **"Il-Qorti vs Carmel Damato"** (P.A.) (C.S.) 29 ta' Marzu 1984, Vol. LXVIII. iii. 51) intqal:-

*"Illi, in tema legali, jinghad li min jikser obbligu lilu impost mill-Qorti fuq mandat ta' inibizzjoni tal-parti kuntrarja, jirrendi ruhu hati ta' disprezz ghall-awtorita` tal-Qorti u xejn ma jiswa li l-motiv li jkun gieghlu jikser dak l-ordni jkun ta' min jissimpitazza mieghu minghajr ma jigi mehud in konsiderazzjoni l-punt legali, ghax mill-punto di vista guridika dak il-motiv mhu ta' ebda valur (Vol. XXXII. iii. 910)".* (Ara wkoll dwar il-proceduri ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti fil-kawza "**L-Pulizija vs Meinrad Calleja**" tat-8 ta' Gunju 1998 (Qorti tal-Magistrati); **Ir-Registratur tal-Qrati Superjuri vs Lygia sive Luigia Saliba**" (P.A. JRM, 7 ta' Mejju 2001).

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, il-Qorti tibda biex tikkonsidra l-ewwel raguni moghtija mis-socjeta' intimata, u cioe`, li l-Mandat in mertu ma kienx fis-sehh meta agixxew biex jitterminaw is-servizz lir-rikorrenti.

Illi s-socjeta' intimata hija korretta meta tghid li skont l-**artikolu 742(4) tal-Kap.12** it-terminu stabbilit sabiex tinbeda l-azzjoni dwar it-talba soggett ghall-ftehim ta' arbitragg għandu jkunu ta’ għoxrin jum mid-data tal-ħruġ tal-att kawtelatorju. Skont is-subartikolu u fin-nuqqas l-att kawtelatorju "*ghandu"* jitnehha (**742(5)).** In-nuqqas tal-ezekutant li jsegwi l-att kawtelatorju b'azzjoni fiz-zmien stabbilit iwassal ghar-revoka tassattiva tal-Mandat (Ara wkoll **836(1)(a)** u **836(3)** tal-Kap.12 minghajr il-htiega ta' notifika lill-kontroparti.

Ikkonsidrat li l-azzjoni arbitrali tar-rikorrenti giet registrata fit-2 ta' Dicembru 2014, cioe` *fuori termine* u per konsegwenza, l-Mandat m'ghandux izjed effett legali. Effettivament il-Mandat gie revokat b'Digriet tat-23 ta' Dicembru 2014 moghti fuq rikors fl-istess ismijiet premessi ipprezentat mis-socjeta' intimata fid-9 ta' Dicembru 2014.[1]

Madanakollu hu pacifiku fil-gurisprudenza taghna li "*min jarbitra u jmur kontra dak li gie lilu ordnat b'mandat ta' inibizzjoni, filwaqt li dak il-mandat ikun ghadu jsehh jirrendi ruhu hati ta' disprezz ghall-Awtorita` tal-Qorti*." (**Vol. XXXV P III p 910**). Ordni tal-Qorti tista' tigi biss reza ineffettiva b'ordni iehor kuntrarju ta' dik il-Qorti jew ta' Qorti ohra u sakemm dan javvera ruhu hu obbligu ta' min ikun gie hekk ordnat li jagixxi skont dik l-ordni taht piena fin-nuqqas ta' disprezz lejn l-Awtorita` taghha. (Ara ad.es. "**Edward Camilleri noe -vs- Carmelo Vella**", Appell, 7 ta' Ottubru 1997). L-interess socjali u l-bon ordni pubbliku jesigu illi l-

[1] Ara verbal tas-seduta tal-11 ta' Dicembru 2014 fejn kien hemm qbil li l-provi migbura fir-rikors odjern jghoddu ghar-rikors tas-socjeta' intimata.

ordnijiet tal-Qorti jigu obduti u jigu kontrarjati u puniti l-infrazzjonijiet ta' dawk l-ordnijiet (**Vol. XXIX P II p 1023**).

Illi dan ifisser li tali regolamenti qeghdin hemm sabiex b'mod effettiv jigi accertat li hadd ma jista' jmur kontra l-ligi. Ghalhekk ghandu ragun id-difensur tar-rikorrenti li l-Mandat jibqa' jghodd sakemm ma jkunx hemm ordni ta' revoka u sakemm ma jigix revokat, l-ezekutat hu marbut li jobdi dik l-ordni.

Izda din il-Qorti mhiex soddisfatta li giet ippruvata l-intenzjoni tas-socjeta' intimata li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'hekk l-awtorita` taghha. (Ara "**Edward Camilleri noe vs Carmelo Vella**" (A.C. 7 t'Ottubru 1997; u "**Il-Qorti vs Antoine R. Camilleri"** – LXXIV. iii. 546) billi l-azzjoni ta' terminazzjoni ittiehdet wara l-iskadenza tat-terminu stabbilit ta' ghoxrin gurnata mid-data tal-hrug tal-Mandat. Hu pacifiku li d-dispozizzjonijiet tal-**Artikolu 988 sa 1003A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta** huma ta' indoli penali - Ara ad es. "***Catherine Portelli vs Joseph Cachia et noe***" (A.K. 28 ta' Jannar 1991); **"*Il-Qorti vs Antoine R. Camilleri***" (P.A. C.C 9 ta' Novembru 1990). Fic-cirkostanzi odjerni, mhix diskrezzjonali ghall-Qorti li tirrevoka l-Mandat meta l-azzjoni tigi pprezentata *fuori termine* (artikolu 836(1)(a) moqrija flimkien mal-artikolu 836(3) tal-Kap.12). Kien ikun differenti jekk s-socjeta' ezekutata agixxiet ghar-revoka tal-Mandat abbazi tar-ragunijiet l-ohra prospettati bl-artikolu 836(1) tal-kap 12 billi dawn jirrikjedu l-interpretazzjoni tal-Qorti u l-applikazzjoni ghall-fatti partikolari ta' kull kaz. Ir-revoka f'tali cirkostanzi mhix tassattiva.

Isegwi wkoll li fic-cirkostanzi, jkun inutili li l-Qorti tordna r-ripristinar tas-servizz gjaladarba gie revokat il-Mandat .

Akkolt l-ewwel punt sollevat mis-socjeta' intimata, proprju ma hemmx htiega li din il-Qorti tinvesti ruhha bit-tieni punt, u cioe`, li s-servizz gie tterminat ghar-raguni indipendenti mir-raguni dedott fl-atti tal-Mandat.

Izda anke fuq dan il-punt, il-Qorti ma taqbilx mar-rikorrenti.

Illi kemm fir-rigward tal-proceduri ghad-disprezz *a tenur* tal-artikoli 988 *et sequitur* tal-Kap.12, kif ukoll fl-investigazzjoni u rimedju stabbilit bl-artikolu 873(4) tal-Kap.12, fl-indagni taghha din il-Qorti ghandha toqghod mal-parametri stabbiliti fil-mandat u fir-rikors tallum, liema parametri m'ghandhomx jinghataw interpretazzjoni wiesgha.

Minn ezami tal-atti jirrizulta li l-azzjoni tas-socjeta' intimata tmur oltre il-parametri tal-ordni mahruga bil-mandat premess. L-abbli difensur tar-rikorrenti ssottometta fit-trattazzjoni li l-Mandat inhareg abbazi tal-agir arbitrarju tas-socjeta' intimata meta ghaddiet unilateralment biex ttemm il-ftehim vigenti bejn il-partijiet. Izda ghalkemm dan il-hsieb immotiva lil din il-Qorti biex issib li r-rikorrenti kellha jedd *prima facie* biex titlob il-hrug tal-Mandat, l-ordni taghha hija arginata mit-talba ghall-hrug tal-mandat.

Illi fil-kaz odjern, jirrizulta li t-terminazzjoni giet imposta mis-socjeta' intimata minnhabba nuqqas allegat da parti tar-rikorrenti li tilhaq il-*minimum sales targets* filwaqt li l-mandat in mertu inibixxa lis-socjeta' milli tissospendi s-servizz abbazi tal-allegat nuqqas li zzomm *minimum stock quantities* ta' biljetti tal-lotterija. Dawn l-obbligazzjonijiet huma kompletament differenti, mahsuba u regolati b'klawsoli distinti fil-ftehim ikkuntrattat bejn il-kontendenti u ma hemmx dubbju li l-agir ikkontemplat bir-rikors odjern mhuwiex dak li gie inibit mill-Qorti.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' intimata **Tichad** it-talbiet dedotti fir-rikors.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------